# KUNSILL LOKALI ISLA

# IR-RABA' KUNSILL

# LAQGĦA NUMRU TMIENJA U GĦOXRIN

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Ġużepp, Isla nhar it-Tlieta 18 ta' Novembru, 2003 fil-5.30pm .

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier (tard) |
| | Mario Mizzi | - | Kunsillier (tard) |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | xejn | | |

**AĠENDA**

(1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.
(2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
(3) Allokazzjoni / Miżuri ġodda.
(4) Kors Ingliż Studenti Taljani.
(5) Tiżjin tal-Milied u Kalendarju 2004.
(6) Devoluzzjoni ta' sit f'Misraħ 4 ta' Settembru.
(7) Kuntratt Ġonna u Soft Areas (PKG 04).
(8) Bidu ta' xogħol - Triq San Ġużepp.
(9) Riżoluzzjonijiet.
(10) Trasport Pubbliku.
(11) Approvazzjoni u l-iffirmar ta' l-ordnijiet ta' pagamenti.

## 28 (1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti

28(1).1 Fuq proposta tal-Kunsillier Reno Chircop issekondat mill-Viċi Sindku Walter Ahar, il-Kunsill approva l-Minuti tal-Laqgħa Numru 27 hekk kif ippreżentati.

28(1).2 *Arising Matters*

- Beda l-kors ta' l-Illitteriżmu mtella' mill-ETC.
- Gallarijiet ġew irranġati.
- Karozza abbandunata - saru kuntatti mal-pulizija u mas-sid.

- FES bi ħsieba torganiżża evalwazzjoni dwar is-Summer Club imtella' flimkien mal-Kunsill.
- Il-ftehim bejn il-Kunsill u d-Dipartiment tat-Toroq għadu ma' ġiex pubblikat fil-Gażżetta tal-Gvern.
- Il-Grupp taż-Żgħażagħ fi ħdan il-Kunsill bdew jaħdmu fuq is-survey.

## 28 (2) Kommunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku Joseph Casha ta rendikont tal-laqgħat u x-xogħol li sar mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill.

*28.(2).1 Laqgħa mal-Perit Lawrence Mintoff ( 28 / 10 / 2003 )*

Is-Sindku Joseph Casha qal li dwar il-librerija lokali l-perit għamel suġġeriment ta' x'jista jsir. Dwar il-bankina Juna B. Azopardo ma' jidhirx li hemm problemi mal-Malta Environment & Planning Authority. Dwar Signline 2000 il-Perit għad irid lħejji l-permessi meħtieġa.

*28.(2).2 Maltapost ( 30 / 10 / 2003 )*

Saret laqgħa mal-Management tal-Maltapost dwar l-oġġezzjoni tal-Kunsill li din il-kumpanija qabdet u waħħlet deposit boxes fil-lokal mingħajt konsultazzjoni mal-Kunsill.

Wara li l-management skuża ruħu għal dan l-aġir, ġie miftiehem li ssir site inspection dwar talbiet oħra simili li għandhom isiru fil-futur.

Għalkemm il-Kunsill wera x-xewqa li jsiru aktar kaxxi ta' l-ittri fil-lokal, il-Maltapost ma' tistax tilqa' din it-talba minħabba li skond il-proċeduri stabbiliti tista' ssir kaxxa ta' l-ittri għal kull 3,000 ruħ. Fil-lokal diġa hawn 3.

*28.(2).3 Xogħol imwettaq ( Roads Department Agreement - 31 / 10 / 2003 )*

Is-Sindku Joseph Casha kien f'kuntatt mal-Perit Scicluna mid-Dipartiment tat-Toroq fejn ġie nfurmat li x-xogħol fuq Triq Dawret Ix-Xatt kien twettaq u li l-kumplament tax-xogħol ser jitwettaq hekk kif il-ftehim jiġi pubblikat fil-Gażżetta tal-Gvern.

*28.(2).4 Kummissjoni Nazzjonali Persuni B'Diżabilita' ( 02 / 11 / 03)*

Is-Sindku attenda għal quddiesa fil-Katidral ta' l-iMdina mtella' minn din il-Kummissjoni.

*28(2).5 Librerija Pubblika Lokali - ( 03/11/03)*

Is-Sindku Joseph Casha kien f'kuntatt permezz tat-telefon mad-Direttur is-Sur Philip Borg dwar il-progress fuq l-ixkaffar u d-dwal li qed jiġu ppjanati li jsiru għal dan il-għan fl-uffiċċju tal-Kunsill f'Misraħ 4 ta' Settembru.

*28.(2).6 Superlative Coop Society Ltd ( 03 / 11 / 2003 )*

Saret laqgħa fl-uffiċċju tal-Kunsill mad-diriġenti ta' din il-koperattiva li kienet ser tħaddem il-kuntratt ta' household refuse collection kif kien appuntat bejn it-tlett Kunsilli flimkien (Isla ? Birgu u Kalkara). Din il-laqgħa saret biex jiġi stabbilit il-ħin tal-ġbir u dwar it-tindif sewwa ta' l-iskips. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm is-Sindku Joseph Casha, l-Viċi Sindku Walter Ahar, is-Segretarju Eżekuttiv Alphonse Zammit u Maria Cassa għan-nom tal-koperattiva.

*28.(2).7 Emendi fil-Liġi dwar it-Tribunali Lokali (LES) - (04/11/03)*

Din il-laqgħa ġiet imtella mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u saret fil-Kunsill Lokali ta' Birkirkara. Għaliha attendew is-Sindku Joseph Casha u s-Segretarju Eżekuttiv Alphonse Zammit (04/1960/03/I).

*28.(2).8 Restoration Unit ( 04 / 11 / 2003)*

Is-Sindku Joseph Casha għamel kuntatt mal-perit Herman Bonnici dwar it-tieqa tas-Sur hekk kif tidħol fl-Isla (Propjeta' tat-Tarzna) dwar l-imħażen ta' ħdejn il-Brigata li wkoll dawn it-twieqi tas-Sur. Ġiet imqajjma wkoll il-kwistjoni dwar id-dawl li hemm jaqsam it-triq ħdejn in-Niċċa ta' Sant'Anna.

*28.(2).9 Rehabilitation Project ( 05 / 11 / 2003)*

Saret laqgħa fl-Uffiċċju tal-Ministru għar-Riżorsi u Nfrastruttura l-Onor. Ninu Zammit. Ġie kkonfermat il-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kotonera l-ġdid .

Il-Ministru kkonferma li l-fondi ta' Lm 5, 000.00 għall-użu speċifiku ta' kull Kunsill mhux ser jingħataw bħas-snin li għaddew.

Il-Ministru saħaq li l-ewwel irid ikun ċert li ma' hemmx ħlasijiet pendenti wara li jsir dan, jibdew id-diskussjonijiet għal proġetti ġodda wara li jkunu ġew fit-tmiem dawk il-proġetti diġa approvati.

Il-Ministru qed joffri inċentiv lill-Kunsill billi joffri ħaddiema tal-Gvern biex jaħdmu fuq proġetti indiktati mill-Kunsill stess. Dan isir wara li jiġu negozjati l-kundizzjonijiet biex iseħħ dan.

*28(2).10 Lampa fid-dħul ta' l-Isla (17/11/03)*

Is-Sindku kellu kuntatti permezz tat-telefon ma' l-Enemalta biex lampa li hemm kif tidħol l-Isla titneħħa minn mas-swar.

Is-Sindku saħaq li sakemm dan il-post ikun imdawwal sew ma' kienx hemm oġġezzjoni biex din il-lampa titneħħa. Huwa meħtieġ li dan il-post ikun imdawwal kemm għall-kommunita' kif ukoll biex ikun hemm aktar dwal fuq is-swar.

*28.(2).11 Abbużi fi Ġnien il-Gardjola (18/11/03)*

Is-Sindku nforma lis-Supretendent ta' l-Għassa ta' Bormla dwar l-abbużi li qed iseħħu fi Ġnien il-Gardjola speċjalment wara li tkun ingħalqet. Is-Sindku ġie aċċertat li ser jittieħdu passi minnufih.

*28.(2).12* Korrispondenza

Lista tal-Korrispondenza mibgħuta u riċevuta bejn l-20 t'Ottubru u l-14 ta' Novembru 2003 ġiet ippreżentata waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

*04/1293/03/I Finanzi Annwali tal-Kunsill*

Id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali informa lill-Kunsill li l-fondi annwali talKunsill għas-sena finanzjarja 2003 / 2004 ġew imnaqqsa b'Lm 4, 472 (5%) millfond ġenerali kif ukoll Lm 1, 936 mill-allokazzjoni ta' l-eGovernment minħabba li dawn il-flus ġew użati fit-twettiq ta' l-eGovernment fil-lokal mill-Gvern Ċentrali.

Dan it-tnaqqis sar abażi tad-deċiżjoni tal-Ministru tal-Finanzi biex isir 5% cut across the board.

*04/1933/03/I Sitwazzjoni Finanzjarja tal-Kunsill*

Ittra mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali lill-Ministru Dr. Tonio Borg dwar kif ser jintlaqtu l-Kunsilli Lokali bit-tnaqqis tal-fondi li saru propju f'nofs is-sena finanzjarja tal-Kunsilli Lokali.

*04/1939/03/I Devoluzzjoni tad-Dawl fit-Toroq*

Il-Kordinatur Maurice Mallia tas-Southern Harbour District Joint Committee nforma lill-Kunsill dwar stima mingħand Nexos dwar xogħol ta' tindif ta' shades f'kull lokalita' (Lm 3.50) kull shade.

*04/1952/03/I / Talba - Ladies' Circle*
*04/2026/03/I*

Il-Kunsill approva t-talba biex jagħmlu Coffee Morning fis-Sala tal-Kunsill bħala Fund Raising għall-bżonnijiet ta' l-iSkola. (Data ta' l-attivita' 26/11/03).

*04/1955/03/I Rampa għad-Diżabilita' fuq iz-zuntier tal-Knisja*

Ir-Reverendu Arċipriet Joe Grech kiteb lill-Kunsill biex ikollu kopja tal-pjanti għal din ir-rampa kif ukoll jekk hux possibbli li jiġu rranġat iz-zuntier.

Il-Kunsill qabel li jirreferi dawn it-talbiet lil Ray Bondin kordinatur tal-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera.

*04/1957/03/I / 04/1993/03/I* *Egħluq l-Għaxar Snin mit-Twaqqif tal-Kunsilli Kunsilli Lokali*

Biex tikkommemora dan l-għaxar snin anniversarju l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ser torganiżża diskussjoni bejn is-Sindki / Kunsilliera u rappreżentanti tal-Gvern fil-Kamra tal-Parlament fl-10 ta' Novembru, 2003.

*PQ ARLOĠĠ TAT-TARZNA*

Il-Membru Parlamentari Chris Agius staqsa lill-Ministeru għall-arloġġ tat-Tarzna meqjus bħala land mark tal-Kottonera ilu żmien ma' jaħdem.

Il-Kunsill lokali irrisponda lill-Ministeru kkonċernat li ilu żmien twil jagħmel ħiltu kollha mad-diriġenti tat-Tarzna biex din il-ħsara li hemm tiġI rranġata. It-tweġiba dejjem kienet li min kien jaħdem fuqu miet u ma' hemmx replacement għalih.

*04/1967/03/I* *Devoluzzjoni Sala San Mikiel*

Id-Direttur tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali informana li ma' setgħax ikompli jmexxi fuq din id-devoluzzjoni qabel ma' l-Kunsill tat-Tarzna jinfurmahom li hu lest li jittermina ċ-ċens u jirrilaxxa favur il-Kunsill Lokali Isla il-bini hawn fuq indikat.

*04/1976/03/I* *Proċeduri u Regolamenti Finanzjarji (Memo 30/2003)*

Il-Kunsill irċieva mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali Avviżi Legali Nru 319/320/2003 dwar Proċeduri għall-Kunsilli Lokali u Regolamenti Finanzjarji.

*04/1986/03/I /* *Memo 31/2003 - PQ 2448*

Din il-mistoqsija parlamentari ġiet imwieġba. (Kopja mehmuża).

*04/2044/03/I* *AKL52/95 - 61/2002 Kodiċl ta' Etika*

Il-Kunsill irċieva kopja tal-Kodiċi ta' Etika għall-Kunsilliera kif propost mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li stiednet lill-Kunsilli biex jibgħatu l-kummenti tagħhom.

*04/1991/03/I* *Devoluzzjoni sit Misraħ 4 ta' Settembru*

Il-Kunsill irċieva mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali l-abbozz tad-Devoluzjoni u site plan ta' dan is-sit. Qed tintalab kera ta' Lm 250 fis-sena mid-Dipartiment ta' l-Artijiet.

*04/2007/03/I / 04/2003/03/I* *Field Services Inspection Reports*

Ġew ppreżentati r-rapporti li saru dwar Road Sign Markings inspections fil-lokal kif ukoll Field Inspection dwar Iż-żamma tal-Ġonna u Soft Areas fil-lokal.

*04/2030/03/I* *Ħruq ta' nar minn ħdejn il-Maċina (Isla)*

Il-Kunsill Lokali ta' Bormla f'isem il-Kumitat Festi Esterni ta' Bormla reġa tenna t-talba tiegħu biex jinħaraq nar minn ħdejn ilMaċina f'nhar il-Festa tal-Kunċizzjoni.
Il-Kunsill reġa kkonferma d-deċlżjoni tiegħu li kien ta' lill-istess Kumitat li ma' setgħax jilqa' din it-talba minħabba s-sigurta' u s-saħħa tar-residenti tal-viċin.

*04/2017/03/I* *Familja Galea - Ilment*

Il-Kunsill iddiskuta dan l-ilment dwar id-diffikulta li l-familja qed issib biex toħroġ il-karozza tagħha mill-garage minħabba parking faċċata ta' dan il-garage. Il-Kunsill kellu jikteb lill-Awtorita' tat-Trasport Pubbliku dwar dan.

*04/2045/03/I* *Tibdil fil-Liġi tal-Kunsilli Lokali*

Fuq stedina tal-Ministeru tal-Ġustizzja Tonio Borg il-Kunsilli ġew mistiedna biex sas-7 ta' Diċembru, 2003 jibgħatu proposti dwar tibdil li xtaqu li jseħħ fil-LiġI tal-Kunsilli Lokali.

*04/2054/03/I* *Ftehim mad-Dipartiment tat-Toroq - Xogħlijiet Imwettqa*

L-Uffiċċju tal-Ministeru għat-Trasport talbu għal tagħrif dwar l-użu tal-fondi li ser jingħataw bil-ftehim li sar bejn il-Kunsill u d-Dipartiment ta' l-Artijiet.

*04/2062/03/I* *Premju Ħaddiem tas-Sena 2003*

Il-Kunsill u l-istaff ġew mistiedna biex ikunu preżenti għal din is-serata li ser titella' fil-Kumpless Sportiv tal-Kottonera.

*04/2065/03/I* *Ħlas dovut Senglea Fest 2001*

Segretarju taal-Kumitat Laburista ta' l-Isla reġa' fakkar lill-Kunsill li għandu ma' sarx ħlas Mill-Malta Tourism Authority dwar attivita' li din is-soċjeta' ħejjiet f'dan il-Festival.

Il-Kunsill bi ħsiebu jerġa' jressaq din it-talba lill-Malta Tourism Authority.

*04/2069/03/I* *Rapport Latrini Pubbliċi*

Il-Kunsill kiteb ittra lillField Services Branch għall-mod kif dawn l-inspections qed jitwettqu u li ma' jirriflettux verament dak li kien qed isir fil-lokal.

*04/2070/03/I* *Stedina RTK (Dar tal-Provvidenza)*

Il-Kunsill bi ħsiebu jieħu sehem f'din l-attivita' permezz tas-Sindku.

*04/2078/03/I* *Għaqda Sajjieda Dilettanti u Barklori*

Il-Kunsill fela l-ittra ta' Dr Sladden li dan bagħat f'isem din l-Għaqda dwar l-iffirmar tal-ftehim mal-Grand Harbour Marina Ltd.

Il-Kunsill qabel li jirreferi din l-ittra lillKonsulent Legali tal-Kunsill.

*04/2086/03/I* *CCTV Cameras - Xatt ta' l-Isla*

Il-Kunsill qed jagħti l-kunsens tiegħu biex il-Grand Harbour Marina tkun tista' twaħħal cctv Camera f'xi post fl-Isla biex tassigura sorveljanza u fuq l-irmiġġi u pontoons f'Dockyard Creek.

*04/2088/03/I* *Għaqda START*

Din l-Għaqda xtaqgħet tagħmel laqgħa mal-Kunsill biex itella' espożizzjoni ta' artisti fil-Maċina bejn April / Mejju, 2004. Il-Kunsill stedinhom biex issir laqgħa.

*04/2089/03/I* *Ground tal-Ponta (Senglea Athletics Nursery)*

Il-Kunsill qabel li jieħu azzjoni fuq l-ilmenti mressqa dwar sejbin ta' ħafna siringi u labar li bihom jittieħdu d-drogi. Il-pulizija fl-Għassa ta' Bormla ser tiġi nfurmata biex jittieħdu l-miżuri meħtieġa.

*04/2090/03/I* *Waste Serv Malta Ltd*

IlKunsill qed jintalab biex jinstab post fejn jistgħu jiġu nstallati sett ta' erba' bins għas-separazzjoni ta' l-iskart.

Għad hemm nuqqas ta' qbil bejn l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u Ministeru dwar Iż-żamma ta' dan is-servizz il-ġdid li jidher li ser jiġu mposti fuq il-Kunsill b'konsegwenza ta' piż finanzjarju żejjed.

Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa ma' din il-Kumpanija biex isir magħruf aktar dwar dan il-proġett.

*04/2109/03/I* *Celaine Użu tas-Sala għal kors taż-Żfin*

Għalkemm il-Kunsill kien qed jaqbel fil-prinċipju li jittella' kors taż-żfin fis-sala tal-Kunsill permezz ta' għalliema professjonali, l-Kunsill qabel li ssir laqgħa oħra mas-Sinjorina Celaine Buhagiar biex jiġu ċċarati ċerti kundizzjonijiet li jridu jinżammu qabel tiġi aċċettata finalment din it-talba.

*04/2110/03/I* *Ground tal-Ponta*

Senglea Athletiic F. C. infurmaw lill-Kunsill biex ma' jibqax jinsisti biex jiġi rranġat il-ground tal-football kemm minħabba li huwa wisq aċċessibbli u għaldaqstant tista' ssir aktar vandaliżmu fuqu. Huma għandhom ix-xewqa li terġa' tinfetaħ mill-ġdid id-diskussjoni mat-Tarzna dwar ir-rilaxxament tal-Bwejba biex tkun tista' ssir football pitch.

*04/2123/03/I* *Ingliż St. Angelo Street*

## 28 (3) Allokazzjoni / Miżuri Ġodda

Dan minħabba t-tnaqqis finanzjarju ta' 5% mill-allokazzjoni talKunsill imħabbar mill-Ministeru tal-Finanzi. Ref. 04/1293/03/I Minuta 28 (2).1

*28.(3).1* Is-Sindku stqarr li s-Segretarju Eżekuttiv kien diġa nfurmaħ li s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill hija waħda ristretta speċjalment f'dik li hija cashflow. Għaldaqstant tnaqqis sostanzjali ta' fondi f'dan l-istadju jidtgħa joħloq problemi finanzjarji.

*28.(3).2* Għaldaqstant is-Sindku ħabbar dawn il-miżuri biex isir aktar kontroll fuq l-infieq tal-Kunsill.

- Ħinijiet ta' l-Uffiċċju jiġu osservati u nevitaw li ssir overtime
- Kontroll sħiħ fuq ix-xiri ta' stationery
- Kontroll sħiħ fuq l-użu ta' l-utilitajiet fil-Kunsill
- Attivitajiet isiru fuq bażi ta' self financing
- Jum l-Isla jiġi ċelebrat f'ġurnata (1) waħda biss
- Ikla tal-Milied ma' ssirx
- Servizz ta' l-LES jitnaqqas għal 4 sigħat
- Isir użu aħjar mis-servizz tal-ħaddiema tal-Gvern assenjati mal-Kunsill
- Il-website li trid tkun lesta sa Diċembru

## 28 (4) Kors Ingliż studenti Taljani

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta rapport ta' dawk l-iskejjel illiċenzjati u li wieġbu għas-sejħiet tal-Kunsill.

*28(4).1* Dawn huwa proġett li l-Kunsill qed jaħdem fuqu bħala parti mill-ġemellaġġ li ġie ffirmat mal-Comune di Cassino.

*28(4).2* Mil-lista prreżentata kif ukoll mill-proposti li saru il-Kunsill qabel li jagħmel short list ta' l-aktar ħames skejjel li qed joffru kundizzjonijiet u prezzijiet vantaġġjużi.

*28(4).3* Dawn huma :

1. Geos Malta Language Centre (GEOS)
2. The International English Language Centre (IELC)
3. Institute of English Language Studies (IELS)
4. Link School of English
5. Linguatime

*28(4).4* Il-Kunsill qabel li dawn il-ħames skejjel jiġu kuntattati biex issir laqgħa fil-premises ta' l-Iskola bil-għan li jsir magħruf il-livell tas-servizz li dawn qed jgħidu li ser joffru.

*28(4).5* Sar qbil li ż-żjarat isiru mis-Sindku Joseph Casha, l-Kunsillier Charmaine Gerada u s-Segretarju Eżekuttiv Alphonse Zammit. Dawn wara jirraportaw lill-Kunsill għal deċiżjoni finali.

## 28 (5) Tiżjin tal-Milied u Kalendarju

*28.(5).1* Il-Kunsill qabel li t-Toroq ta' l-Isla jiġu mżejjna u dekorati b'dawl dekorattiv fi żmien il-Milied.

*28.(5).2* Kalendarju - Il-Kunsill ma' qabilx li kalendarju li kien isir kull sena kull sena, ma' jsirx minħabba miżuri li jridu jittieħdu bil-finanzi preżenti tal-Kunsill.

## 28 (6) Devoluzzjoni ta' sit f'Misraħ 4 ta' Settembru

Ġie ppreżentat l-abbozz tad-devoluzzjoni ta' dan is-sit kif proponut mid-Dipartiment ta' l-Artijiet.

*28.(6).1* Il-Kunsill qed jaqbel ma' l-abbozz ta' ftehim barra l-ammont ta' kera kif mitluba ta' Lm 250 fis-sena. Il-Kunsill jemmen li l-kera kellha tkun inqas aktar u aktar meta l-ispejjeż li saru biex dan il-post ġie rranġat u issa li qed jintefqu aktar flus biex jiġl atrezzat.

*28.(6).2* Il-Kunsill qabel li għalkemm mhux qed jaqbel ma' l-ammont tal-kera mitlub qed jaċċetta l-abbozz ta' devoluzzjoni kif ppreżentat.

*28.(6).3* Il-Kunsill awtorizza lis-Segretarju Eżekuttiv biex jinforma lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali li l-Kunsill qed jaċċetta li din id-devoluzzjoni ssir pero' taħt protesta għall-ammont għoli tal-kera mitluba u jekk hu possibbli issir reviżjoni ta' dan il-ħlas.

## 28 (7) Kuntratt Ġonna u Soft Areas (PKG 04)

Il-Kunsill qabel li dan il-kuntratt għandu joħroġ b'offerta minħabba li l-kuntratt preżenti jiġi fi tmiemu fil-31 ta' Diċembru, 2003.

*28.(7).1* Ser jinħarġu l-avviżi minnufih.

## 28 (8) Bidu ta' Xogħol - Triq San Ġużepp

Ix-xogħol ta' tqegħid ta' mains ta' l-ilma u s-servizzi fid-djar huwa ppjanat li jibda minnufih. Hekk kif il-kuntrattur jgħaddu f'idejh il-pajpijiet huwa jibda.

Il-Kuntrattur informa lill-Kunsill li sakemm ma' jkollux il-materjal meħtieġ mill-Korporazzjoni ta' l-Ilma ma' jinfurmax lill-Kunsill li ser jibda x-xogħol f'din it-triq.

## 28 (9) Riżoluzzjonijiet

Il-Kunsill żmien ilu kien qabel fil-prinċipju li jiffinanzja Akkademja Mużikali mtella' mill-Każin tal-Banda Queen's Own tal-lokal fl-egħluq il-mitt (100) sena mit-tibdil ta' l-isem ta' l-Għaqda. L-ispejjeż għal din lakkademja jlaħħqu madwar Lm 600.

*28.(9).1* Għal dan il-għan il-Kunsill iressaq riżoluzzjoni (Kopja mehmuża) biex japprova l-ammont ta' Lm 600 biex tiġi ffinanzjata akkademja mużikali mtella' mill-Queen's Own Band Club u li dan l-ammont jinqasam f'żewġ pagamenti ma' kull allokazzjoni li jkollu l-Kunsill.

*28.(9).2* Din ir-riżoluzzjoni ġiet approvata unanimament.

## 28 (10) Trasport Pubbliku

Aktar ma' jgħaddi ż-żmien il-post ta' bus terminus tal-karozzi tal-linja f'Misraħ 4 ta' Settembru, aktar qed jinħolqu problemi, ta' saħħa, ta' ħsarat fl-art kif ukoll ta' konġestjoni u dħaħen tat-traffiku.

*28.(10).1* Il-Kunsill qabel li li tinkiteb ittra biex issir diskussjoni ma' l-Awtorita' dwar it-Trasport Pubbliku dwar is-sitwazzjoni u xi tibdiliet li jistgħu jseħħu.

## 28 (11) Approvazzjoni u l-iffirmar ta' l-ordnijiet ta' pagamenti

Fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar ssekondat mill-Kunsillier Charmaine Gerada il-Kunsill approva l-ħlas ta' pagamenti li jammontaw għal Lm 3, 804.87.(Kopja tal-lista ta' pagamenti mehmuża).

Il-laqgħa tal-Kunsill ntemmet fis-7.30pm b'dan l-item fuq l-agenda.

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

______________________ ______________________

Joseph Casha
Sindku

Alphonse Zammit
Segretarju Eżekuttiv